*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,708, 28 ta' Settembru, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 373 tal-2021**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**ATT Nru XXIX tal-2019**
**(KAP. 605)**

**Avviż ta' Tħassir tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 71 tal-Att tal-2019 dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605), il-Ministru għall-Edukazzjoni stabbilixxiet l-1 ta' Ottubru, 2021, bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", ħlief id-dispożizzjonijiet elenkati hawn aktar 'l isfel, għandhom jiġu mħassra:

(a) it-tifsir "Bord tal-Fakultà", "entità" (għal dak li jirrigwarda l-Università u l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija), "Estimi Ġenerali", "Gvern", "ħlas", "impieg", "Kunsill", "Ministru", "Rettur", "sena finanzjarja", "Senat", "uffiċjal pubbliku" u "Università" fl-artikolu 2 tal-Att;

(b) l-artikoli 23 sa 42, it-tnejn inklużi, tal-Att;

(ċ) it-tifsir "assikurazzjoni ta' kwalità" u "verifika tal-kwalità" fl-artikolu 63, u l-artikolu 69(10) tal-Att;

(d) l-artikoli 72 sa 84, it-tnejn inklużi, tal-Att;

(e) l-artikoli 85 sa 112, it-tnejn inklużi, tal-Att;

(f) l-artikoli 113, 114 u 115 tal-Att (għal dak li jirrigwarda l-professjoni tal-għalliema, l-Università u l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija);

(g) l-artikoli 116 sa 124, it-tnejn inklużi, tal-Att (għal dak li jirrigwarda l-professjoni tal-għalliema, l-Università u l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija);

(h) l-artikoli 130, 131 u 132 tal-Att (għal dak li jirrigwarda l-professjoni tal-għalliema, l-Università u l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija); u

(i) l-artikoli 134, 135 u 136 tal-Att (għal dak li jirrigwarda l-professjoni tal-għalliema, l-Università u l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija).